**KunsillLokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

# ID-DISA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 18

16 **ta’ Lulju 2020**

Il-Kunsilli Lokali Isla ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, fil- 5:30pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Joline Attard - Kunsilliera
Malcolm Gatt - Kunsillier
Corinne Buhagiar - Kunsillier

**ASSENTI B’APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 18 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **18.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm. |
| **18.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 18.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 16 tqassmet lill-kunsilliera permezz ta' imejl u s-segretarju eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li min irrid kopja stampata jinforma lis-segretarju eżekuttiv u tistampalu kopja. Il-minuti mhux qed jiġu stampati għall kull kunsilliera sabiex il-kunsill lokali tal-Isla jieħu ħsieb aktar l-ambjent. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 18.2.2 | Il-Kunsilliera preżenti irċievew il-minuti tas-Seduta Numru 16, fejn ma kienx hemm korrezzjoni. Il-Minuti numru 16 ġew approvati mil-kunsilliera is-Sinj. Joline Attard u ġew issekondti mil-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar |
| 18.2.3 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 17 tqassmet lill-kunsilliera permezz ta' imejl u s-segretarju eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li min irrid kopja stampata jinforma lis-segretarju eżekuttiv u tistampalu kopja. Il-minuti mhux qed jiġu stampati għall kull kunsilliera sabiex il-kunsill lokali tal-Isla jieħu ħsieb aktar l-ambjent. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 18.2.4 | Il-Kunsilliera preżenti irċievew il-minuti tas-Seduta Numru 17, fejn ma kienx hemm korrezzjoni. Il-Minuti numru 17 ġew approvati mil-kunsillier Malcolm Gatt u ġew issekondti mill viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia. |
| **18.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 18.03.01 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li fil- 15 t' Awissu 2020 ser issir attivita mill-V 18 u l-kunsilliera huma mistiedna, l-għada ser tkun l-attivita tal-Peagent of the Sea li l-kunsill irrid jieħu ħsieb il-puluzija sabiex jingħalaq ix-xatt u jużaw il-grawnd tal-futbol. |
| 18.03.02 | Is-Sindku ikkomunka mal-kunsilliera preżenti dwar x-xogħol ta' Triq is-Sur fejn ser titkompla il-bankina fejn kien hemm l-iscaffolding u ser jittranġa it-taraġ li kisser il-kuntrattur waqt ix-xogħol li kien qed issir fi Triq is-Sur. Il-permessi ta' *Sleeping Police* lesti għalhekk il-kunsill ser jordna dawn is-sleeping police għal-Triq is-Sur u l-kunsill jinforma l-perit sabiex issiru il-linji. |
| 18.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ser issir attivita tar-Regatta ġewwa l-Gardjola fid-29 t' Awissu 2020. Il-kunsilliera qablu dwar din l-attivita. |

| | |
|---|---|
| 18.03.04 | Is- Sindku informa li ser issir laqgħa it-Tlieta 28 ta' Lulju 2020 fis-sala tal-kunsill dwar ċirkulari mibgħuta mill-MCAST sabiex tinforma aktar lir-residenti dwar is-suġġetti li tofri l-MCAST. |
| 18.03.05 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsillera sabiex jiġi revedut il-ħlas tal-użu tas-sala għal-€100 u € 50 għat-tindif u l-ftuħ u l-għeluq tas-sala. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan. |
| 18.03.06 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar it-tpinġija li hemm mal-ħajt fejn ser issir il-play area u l-open gym sabiex jitkellem mal-avukat biex jara jekk hemmx xi rights fuq it-tpinġija li kien hemm qabel. Il-Kunsilliera qablu li t-tpinġija għandha tibqa' kif kienet. Il-Kwotazzjoni sabiex issir pittura mal-ħajt telgħat għall €4000 ta' żewġ pitturi jekk issir fuq canvas issir €1500 iżda tkun printjata. |
| 18.03.07 | Is-Sindku ikkomunika mal- Kunsilliera , li l-ġnien tal-Gardjola ser tintuża fis-7 t'Awissu 2020 mill-għaqda tal-festa għall-festival tan-nar. Il-Kunsilliera qablu ma dan. |
| 18.03.08 | Waqt il-laqgħa tal-kunsill ġie mistieden is-Sur Glenn Bonello sabiex jiġi ikkonfermat il-ftehim dwar l-użu u l-manutenzzjoni tal-grawnd. Fejn il-kunsilliera flimkiem mas-Sur Glenn Bonello qablu li l-materjal għandu jinxtara mill-kunsill u s-Sur Glenn Bonello flimkien mas-Sur Garry Inguanez jieħdu ħsieb il-manutenzzjoni ta' dan il-grawnd għal-sentejn u jiġġeded kull sena sa l-aħħar ta' din il-leġislatura. Il-ħlas tal-grawnd għandu jinqasam nofs bin-nofs. L-għaqdiet jistgħu jużaw il-grawnd mingħajr ħlas. Għandha issir timesheet ta' kemm jintuża l-grawnd fejn jitniżżel l-ammont li inġabar ta' kull logħoba għall €30 kull logħoba. Il-Kunsill għandu jġib kwotazzjoni tax-xibka tal-ħadid sabiex jingħalaq il-grawnd. Il-grawnd ser jiġi imsaqqaf bix-xibka wkoll sabiex il-ballun ma jispiċċax il-baħar. |
| 18.03.09 | Is-segretarju eżekuttiv infurmat li irċiviet imejl mibgħuta mill-Arċipriet Fr. Robin dwar proġett li ser ikun qed jgħin l-iskola billi dan il-ktieb li inkieteb bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali issir forma ta' musical, issir kors tad-drama għat-tfal tal-iskola sabiex nuru is-sabiħ tal-manuskritti li għandna fl-arkivju tagħna billi jiġi ippublikat id-djarju b'mod originali. Il-Kunsilliera qablu ma dan il-proġett. |
| 18.03.10 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar laqgħa li kellu mas-sur Savona mil-kumpanija IPSL dwar persuna li ser tibda tahdem mal-Kunsill Lokali tal-Isla.<br><br>Dalgħodu jien flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv konna mas-Sur Vince Stivala ħaddiem li ser jibda jaħdem mal-kunsill lokali tal-Kumpanija IPSL fejn tkellimna miegħu ix-xogħol li ser jibda jieħu ħsieb mil-liberija li ser tibda tkun tas-servizz għar-resdenti biex min jixtieq jagħmel ilment ma' joqgħodx |

| | |
|---|---|
| | jitla' l-kunsill lokali. Is-Sur Stivala ser jibda' jieħu l-ilmenti ta' kuljum, lista għal ġbir tal-bulky , notice board , u no parkings signs li jkun hemm bżonn min naħa tal-kunsill lokali.<br><br>Is-Sindku ser iqassam fliers bis-servizzi li joffri l-kunsill; ħinijiet u dati tal-ġbir tal-iskart goff kif ukoll tal-iskart domestiku. Hemm ukoll imniżżel sabiex l-ilmenti jistgħu jibdew jittieħdu mill-librerija.<br><br>Is-servizz ser jibda ikun mit-8.00am sa 12.45pm , is-servizz tal-liberija ser jibqa kollox kif kien qabel il-Covid u tieħu ħsieb kollox Graziella Gellel. |
| 18.03.11 | Is-sindku informa lil kunsilliera li kellna laqgħa mal-konslu tal-Kroazja u id-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali is-Sur Natalino Attard u s-segretarju tal-Ministru Dr. Owen Bonniċi sabiex ninfurmawhom il-proġett li għaddej Once upon a time immexxi minn Petia Zacheva. Is-Sinj. Petia Zacheva bagħtitilna programm b'imejl datata 12 ta' Lulju 2020 kif ser ikun imqassam dan il-proġett, kif ukoll is-Sinj. Petia Zascheva ibbukjat il-flights sabiex jiġu r-rappreżentanti mill-Kroazja u l-Italja fit-21 – 23 ta' Settembru 2020 fejn ser issir lunch sabiex niltaqgħu u niddiskutu dan il-proġett. |
| 18.03.12 | Is-Segretarju Eżekuttiv attendiet laqgħa mal-Kunsilliera Corinne Buhagiar u mal-għaqda tal-Hamiem dwar il-Bye Law sabiex ikun hemm kontroll tal-ħamiem. Minn jinqabad jitma' l-ħamiem hemm multa ta €46.59 u min jinqabad it-tieni darba il-multa hija ta €69.88. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-Bye Law iżda is-Sinj. Joline Attard astjeniet minn din id-deċiżjoni.<br><br>Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera preżenti sabiex jidiskutu jekk għandiex tiżdied ir-rata tal-użu tas-sala. Il-Kunsilliera qablu ma dan u iddeċidaw li r-rata għandha tkun ta' €150 għall użu ta' attivitajiet u jekk tintuża għall użu ta' edukazzjoni r-rata għandha tkun dik ta €75 filwaqt għall entitajiet lokali r-rata tkun b'xejn iżda xorta jinżamm id-depożitu ta' €150 u jekk ma jkunx hemm ħsarat jingħata lura. Is-Sindku s-Sur Clive Pulis ippropona din it-talba u l-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar issekondat. |
| 18.03.13 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera dwar it-tenders:<br><br>Rapport ta' l-Evalwazzjoni ta' :<br>ISLC/T/03/2020 – Tender for Street Sweeping and Community Cleansing in an Environmentally Friendly Manner for the Isla Local Council |

| | |
|---|---|
| | Wara ir-raba' laqgħa l-evalwaturi ħarġu bil-konklużjoni, wara li raw l-offerti kollha tal-kuntratturi, raw li s-Sur Alistair Bezzina tefa' l-aħjar offerta bl-amont ta' €26904 fis-sena mingħajr VAT miżjud.<br><br>F'dan ir-rapport hemm inkluż il-punti li ġabu kull kuntrattur sabiex ittieħdet id-deċiżjoni liema kuntrattur kien eliġibli għal din is-sejħa. Il-Kunsilliera is-Sinj. Joline Attard u l-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia approvaw dan ir-rapport tal-evalwazzjoni.<br><br>Open Gym :<br><br>Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mas-Sur Desmond Mizzi mill-kumpanija Projekte fuq il-post nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju 2020 sabiex jaraw kif ser issir ix-xogħol, is-sur Mizzi ħareġ bl-ideja li l-bollards ma jsirux u hawn tip ta' planters bir-railing magħhom sabiex isservi bħala fence u ma jipparkjawx karrozzi, is-Sur Mizzi issuġġerixxa li ssir rampa waħda u jsiru l-bandli iż-żgħar dawk li hemm eżistenti fil-play area minflok id-dar tal-logħob li hemm fil-pjanta tal-perit għaliex dawn għadhom tajbin u jifilħu għal-klima fejn il-baħar. Is-Sur Mizzi issuġġerixa kif tefa fl-offerta tiegħu ukoll sabiex l-apparat ta' l-open gym issir iggalvanizat biex ikun jiflaħ għal-klima u jnaqqas l-flus minn materjal ieħor. Il-Kunsilliera approvaw dan is-suġġeriment.<br><br>Contract Manager: ISLC/T/02/2020 Service of a Contracts Manager for the Isla Local Council<br><br>Is-Sindku u s-segretarju eżekuttiv iltaqgħu mas-Sur Chris Cutajar minn Renergy fejn is-segretarju eżekuttiv spjegat il-kuntratti tal-Bulky Refuse, Mixed House Hold Waste u Street Sweeping kif jaħdmu u ser tibgħatlu il-kuntratti u summarju ta dawn l-istess kuntratti kif ikunu magħluqa peress li għad baqa' tal-Bulky u tal-kenniesa pendenti.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat dak kollu li hemm fil-kuntratt tal-Mixed House hold Waste u wara li l-kunsill jiltaqa' ma R & A Waste Service u jispjegalu li ser ikun hemm il-contracts manager li ser ikun qiegħed hemm apposta biex jekk ikun hemm xi ilmenti jintbgħatu lilu direttament u jekk dawn in-nuqassijiet jibqgħu jirrepetu tinħareġ default.<br><br>Mixed House Hold Waste:<br><br>Is-Sindku u is-segretarju Eżekuttiv ser jiltaqgħu l-ewwel laqgħa mal-kuntrattur nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2020<br><br>Bulky Refuse : ISLC/T/2/20 |

| | |
|---|---|
| | BULKY REFUSE COLLECTION SERVICE USING LOW EMISSION VEHICLE FOR THE ISLA LOCAL COUNCIL<br><br>Din talaq fil-21 ta’ Lulju 2020 , issir laqgħa ma l-evalwaturi fit-22 ta’ Lulju 2020 |
| 16.03.14 | Is-Sindku is-Sur Clive Pulis flimkien mas-segretarju eżekuttiv iltaqgħu mal-Perit Luigi Fenech u l-kuntrattur Clint Grech dwar il-Proġett tal-Pjazza flimkien ma l-Enġinier tal-WSC WSC 1227/20 dwar il-proġett ta’ 'MISRAH L-4 TÁ'SETTEMBRU, ISLA'<br>Sabiex jintlaħaq fthem fuq il-prezz ta’ tibdil tal-pajpijiet tal-ilma, l-istima titla mal-€10000 sabiex ikun hemm pajpijiet ġodda u jekk dan ma jsirx u jkun hemm bżonn li jinbidlu l- kannen din tkun responsabilta’ tal-kunsill għalhekk is-sindku issuġġerixxa li dan ix-xogħol għandu jsir qabel ma tinqala’ l-pjazza. Il-kunsilliera preżenti qablu ma dan is-suġġeriment. |
| 18.03.15 | Is-Segretarju Eżekuttiv flimkeina mas-Sindku iltaqgħu mas-Sinj. Anna dwar il-Proġġett: Inħaddru Pajjiżna fejn wara li is-Sinj Anna Spiteri tlesti id-draft ta’ liema siġar u pjanti għandna bżonn fil-lokalita tal-Isla nibgħatu lid-dipartiment sabiex il-kunsill jinforma lis-Sur Svetlick Flores sabiex jaħdem tender biex tinħareġ fuq l-EPPS |
| 18.03.16 | Is- Segretarju eżekuttiv resqgħet imejl li intbagħtet minn għand is-sinj Beverly Saliba fejn wara l-laqgha fis-16 ta’ Lulju fid-9,00am<br><br>F’isem il-Ministru Abela xtaqgħet tirringrazzja tal-laqgħa li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-kunsill.<br><br>Waqt il-laqgħa fost ħafna proġetti pendenti li għandu l-kunsill, issemmew il-problemi relatati max-xatt tal-Isla.<br>Il-Ministru interessat li jsegwi dan il-każ għaldaqstant, skont ix-xewqa tal Ministru qed jitlob biex tintbgħat lista tal-istakeholders involuti ħalli nsejħu laqgħa fl-uffiċċju tal-Ministru. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-imejl ta’ min hu involut fix-xatt tal-Isla. |
| 18.03.17 | Is-Sindku ressaq is-suġġeriment jekk hemmx bżonn li nressqu il-cameras li hemm mat-terrace houses iżda dan hemm madwar €400 spejjeż. Il-Kunsilliera għalissa ma jaqblux ma dan is-suġġeriment. |
| 18.03.18 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li waqt laqgħa li kellhom fis-16 ta’ Lulju 2020 is-sindki tal-kottonera ma l-Onor Glenn Bedingfield sabiex jiddiskutu l-attivitajiet li għad irridu jsiru sa l-aħħar tas-sena. |

| | |
|---|---|
| | Iddiskutew li l-Belt ta' Bormla ser torganiżża festival tal-films fil-bidu ta' Settembru , il-Belt tal-Birgu ser torganiżża il-Birgu by candle light u l-Belt tal-Isla is-sindku ipropona li ser torganiżża kunċert minn Steroptipi fit-22 t' Awissu 2020. Il-Kunsill Lokali tal-Isla joħroġ €800 u l-puluzija, dawl u stage jieħu ħsiebhom mid-dipartiment ta' L-Onor Glenn Bedingfield. Il-Kunsilliera qablu li issir dan il-kunċert ġewwa l-lokalita' tal-Isla. Il-Viċi Sindku issuġġerixa li issir il-Ġostra u Sports Day dak in-nhar. Il-Kunsilliera Joline Attard issuġġerit li nistiednu lil persuni li jagħmlu entertainment għat-tfal bħal logħob bil-bżieżaq u xi tpinġijiet. Il-Kunsilliera Corinne Buhagiar issuġġerit li issiru stalls bl-artiġjanat. |
| 18.03.19 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera li ġie avviċinat mis-Sur Ray Bezzina sabiex is-sena id-dieħla peress li l-festa hija ċentinarja ser jagħmlu attivita fejn ser tinħareġ replika tal-istatwa tal-Bambina u issir il-Festa Familja għalhekk il-kunsill qed jissuġġerixi li l-kunsill jikkolabora għal din il-festa għall Jum L-Isla. Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv ġibdu l-attenzjoni li l-kunsill irrid joqgħod attent minħabba l-ispejjeż li għandu il-kunsill, fosthom l-ispejjeż tal-pjazza, open gym, cameras u humps u tabelli fix-xatt tal-Isla. Il-Viċi Sindku spjega fejn għandhom issiru dawn il-humps fix-xatt fejn il-letrina u fid-dawra tal-ponta u fix-xatt k/m Triq Sant Anna kif ukoll fi Triq is-Sur li dawn ta' Triq is-Sur huma diġa approvati. |
| 18.03.20 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar laqgħa li kellu flimkien mas-segretarju eżekuttiv u rappreżentatni mill-ERA dwar l-iregolaritajiet li hemm fuq is-siġar tax-xatt. Hemm ta quddiem Dingli Cornelio li qed imutu minħabba wires u brackets tal-ħadid imdawwar ma dawn is-siġar. Dawn ma jistax issiru għax ikun qed issir ħsara lis-siġra. Minn jorġanizza attivita għandu jġib l-appart miegħu sabiex jarma dawl u sound u jerġa' jiżżarma. |
| 18.03.21 | Is-Sindku ikkonferma mal-kunsilliera preżenti sabiex il-kunsill iżomm ħaddiem minn tal-Bad Boys Company Ltd biex jiftaħ u jagħlaq il-Gardjola, ibgħattal il-bins u jiknes il-gardjola fil-weekends. Il-Bad Boys ser jibgħatila kwotazzjoni ta' dan is-servizz. |
| **18.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 18.4.1 | Is-Sindku / Segretarju Ezekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Guzepp<br>Isla<br><br>Jien Anthony Bonavia nixtieq inressaq dawn il-mistoqsijiet għall attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Nistgħu naqilgħu il-palma li hemm fejn it-terrace houses ? |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku irrisponda li ser jiddiskuti ma ta' l-ERA.<br><br>F'hix wasal il-proġett tal-Pjazza ?<br><br>Din il-mistoqsija ġiet imwieġba f'punt 16.03.14 |
| **18.5** | **Rapporti** |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapport tal-*Purchase Order u Petty Cash* għax-xahar ta' Ġunju 2020 fejn ġew approvati mill-kunsillier Malcolm Gatt u s-sekondat mil-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **18.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 18.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti, skeda Nru 7/ 2020 għall-approvazzjoni. |
| 18.6.2 | Fuq mozzjoni tal-Kunsilliera is-Sinj. Joline Attard issekondata mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar approvaw il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| **18.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 18.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:00p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 18 t' Awissu 2020 fil-5:30p.m |

Konfermati, illum 18 t' Awissu 2020

Clive Pulis
Sindku

Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv